

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 5.1.2011
KUMM(2010) 800 finali

2010/0386 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' 'okoumé plywood' li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina b'segwitu għal reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 u li jtemm reviżjoni parzjali interim skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta**

Din il-proposta tikkonċerna l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjoni ta' prodotti li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ('ir-Regolament bażiku') fir-reviżjoni tal-iskadenza fir-rigward tal-importazzjoni tal-'okoumé plywood' li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

- **Il-kuntest ġenerali**

Din il-proposta qiegħda ssir fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku u hija r-riżultat ta' investigazzjoni li twettqet skont ir-rekwiżiti sostantivi u proċedurali stabbiliti fir-Regolament bażiku.

Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' 'okoumé plywood' li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina kien impost bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1942/2004 (ĠU L 336, 12.11.2004, pg. 4).

- **Konsistenza ma' politiki u objettivi oħrajn tal-Unjoni**

Mhux applikabbli.

2) KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-partijiet interessati kkonċernati mill-proċediment kellhom il-possibilità li jiddefendu l-interessi tagħhom matul l-investigazzjoni, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku.

- **Il-ġbir u l-użu tal-esperti**

Ma kienx hemm hteġa ta' esperti esterni.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta hija r-riżultat tal-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku.

Ir-Regolament bażiku ma jipprevedix valutazzjoni tal-impatt ġenerali iżda fih lista eżawrjenti ta' kundizzjonijiet li jridu jiġu vvalutati.

3) ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Fil-11 ta' Novembru 2009, il-Kummissjoni ħabbret permezz ta' avviż ('avviż ta'

tnedija'), ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, it-tnedija ta' reviżjoni tal-iskadenza u reviżjoni parzjali interim tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjoni ta' 'okoumé plywood' li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

Ir-reviżjoni tnediet wara talba ssostanzjata mressqa mill-Federazzjoni Ewropea tal-Industrija tal-Plywood (FEIC) f'isem il-produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw il-proporzjon maġġuri, f'dan il-każ ta' aktar minn 50 %, tal-produzzjoni tal-Unjoni tal-'okoumé plywood'.

Il-proposta tal-Kummissjoni meħmuża għal Regolament tal-Kunsill li jimponi dazji anti-dumping fiha l-konklużjonijiet definittivi rigward il-probabilità ta' rikorrenza u/jew tkomplija ta' dumping u ta' dannu u l-interess tal-Unjoni. L-investigazzjoni uriet li hemm probabilità ta' rikorrenza ta' dumping li jkun ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni jekk il-miżuri jiġu revokati.

Huwa propost li l-Kunsill jadotta l-proposta meħmuża għal Regolament li għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mhux iktar tard mill-10 ta' Frar 2011.

- **Il-bażi legali**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjoni ta' prodotti li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ('ir-Regolament bażiku').

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' fi ħdan il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għaldaqstant il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

Il-forma tal-azzjoni hija deskritta fir-Regolament bażiku msemmi hawn fuq u ma tħallix lok għal deċiżjoni nazzjonali.

L-indikazzjoni ta' kif il-piż finanzjarju u amministrattiv li jaqa' fuq l-Unjoni, il-gvernijiet nazzjonali, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-operaturi ekonomiċi u ċittadini huwa mminimizzat u pproporzjonat għall-għan tal-proposta, mhijiex applikabbli.

- **L-għażla tal-istrumenti**

L-istrumenti proposti: Regolament.

Mezzi oħra ma jkunux adegwati minħabba r-raġuni li ġejja:

Ir-Regolament bażiku msemmi hawn fuq ma jipprevedix għażliet alternattivi.

4) IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' 'okoumé plywood' li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina b'segwitu għal reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 u li jtemm reviżjoni parzjali interim skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjoni ta' prodotti li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea¹ ('ir-Regolament bażiku'), u b'mod partikolari l-Artikoli 11(2) u 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea ('il-Kummissjoni') wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA

1. Miżuri fis-seħħ

- (1) Il-Kunsill, wara investigazzjoni ta' anti-dumping ('l-investigazzjoni oriġinali'), permezz tar-Regolament (KE) Nru 1942/2004², impona dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' 'okoumé plywood' li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (RPĊ). Il-livelli tad-dazju imposti kienu jvarjaw minn 6,5 % sa 23,5 % għal erba' produttori u 66,7 % għall-produtturi l-oħra kollha.

2. Talba għal reviżjoni tal-iskadenza u tnedija *ex officio* ta' reviżjoni parzjali interim

- (2) Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' skadenza imminenti³ tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ fuq l-importazzjoni ta' 'okoumé plywood' li joriġina fir-RPĊ, il-Kummissjoni rċeviet talba għal reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.
- (3) Ir-reviżjoni tal-iskadenza tressqet mill-Federazzjoni Ewropea tal-Industrija tal-Plywood (FEIC) ('l-applikant') f'isem il-produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw il-

¹ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

² ĠU L 336, 12.11.2004, p. 4.

³ ĠU C 114, 19.5.2009, p. 11.

proporzjon maġġuri, f'dan il-każ ta' aktar minn 50 %, tal-produzzjoni tal-Unjoni tal-*'okoumé plywood'*. It-talba kienet ibbażata fuq il-bażi li l-iskadenza tal-miżuri probabbilment tirriżulta f'kontinwazzjoni jew f'rikorrenza ta' dumping u f'rikorrenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

- (4) Barra minn hekk, wara proċediment tal-qorti Franċiża rigward l-imġiba kontra l-kompetizzjoni ta' għadd ta' produttori Franċiżi tal-*'okoumé plywood'*, ġie kkunsidrat li ma setax ikun eskluż li din setgħet xekklet il-valutazzjoni tad-danni fl-investigazzjoni oriġinali. Għaldaqstant kien ikkunsidrat bħala xieraq li titnieda wkoll b'mod parallel reviżjoni interim *ex officio* skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament Bażiku biex tkun eżaminata mill-ġdid b'mod partikolari l-qagħda tad-dannu sofrut mill-industrija tal-Unjoni meta mqabbla mal-qagħda li kienet tinsab fiha fil-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali.
- (5) Wara li stabbiliet, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kienet teżisti evidenza biżżejjed għat-tnedija ta' reviżjoni tal-iskadenza u reviżjoni parzjali interim limitata għall-eżami tad-danni skont l-Artikoli 11(2) u 11(3) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni ppubblikat avviż ta' tnedija ta' dawn ir-reviżjonijiet f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*⁴ (avviż ta' tnedija).

3. L-investigazzjoni

3.1. Il-perjodu tal-investigazzjoni

- (6) L-investigazzjoni tal-probabilità ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2008 sat-30 ta' Settembru 2009 (il-*"perjodu tal-investigazzjoni tar-reviżjoni"* jew *"PIR"*).
- (7) Il-kontroll tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabilità ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sa tmiem il-PIR (il-*"perjodu meqjus"*).

3.2. Il-partijiet ikkonċernati minn din l-investigazzjoni

- (8) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-produtturi magħrufa tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi fir-RPĊ, lill-utenti u l-importaturi li kienu magħrufa li huma kkonċernati kif ukoll lill-awtoritajiet tar-RPĊ, bit-tnedija tar-reviżjonijiet.
- (9) Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta ta' smiġh fil-limiti taż-żmien stipulati fl-avviż ta' tnedija. Il-partijiet interessati kollha li talbu dan u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw seduta ta' smiġh.

4. It-teħid ta' kampjuni

- (10) Fid-dawl tal-għadd apparentement kbir ta' produttori tal-Unjoni, importaturi u produttori esportaturi fir-RPĊ, tqies li jkun xieraq, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, li jkun ikkontrollat jekk għandux jintuża t-teħid ta' kampjuni. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk huwiex meħtieġ it-teħid ta' kampjuni u, jekk

⁴ ĠU C 270, 11.11.2009, p. 24.

dan ikun minnu, biex tagħżel kampjun, il-partijiet imsemmija hawn fuq kienu mitluba biex jippreżentaw rwieħhom fi żmien 15-il jum mit-tnedija tar-reviżjoni u li jipprovdu l-informazzjoni mitluba fl-avviż ta' tnedija lill-Kummissjoni.

- (11) Produttur esportatur Ċiniż wieħed biss resaq u pprovda l-informazzjoni mitluba fi żmien l-iskadenza mogħtija. Għaldaqstant ġie deċiż li t-teħid ta' kampjuni ma kienx meħtieġ fir-rigward tal-produtturi esportaturi Ċiniżi. Intbagħat kwestjonarju lill-uniku produttur esportatur Ċiniż li kien qed jikkopera, u li madankollu sussegwentement waqaf jikkopera u qatt ma bagħat tweġiba għall-kwestjonarju. Għaldaqstant, kif hemm spjegat fil-premessa (20) ta' hawn taħt, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku, ir-riżultati kienu bbażati fuq il-fatti disponibbli.
- (12) Għaxar produtturi tal-Unjoni pprovdeu l-informazzjoni mitluba fi żmien l-iskadenza mogħtija u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Fuq il-bażi tal-informazzjoni li waslet mingħand il-produtturi tal-Unjoni li kkoperaw, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' ħames produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw madwar 40 % tal-bejgħ mill-produtturi kollha tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni fil-PIR u madwar 35 % tal-produzzjoni mill-produtturi kollha tal-Unjoni fil-PIR. Il-kampjun intgħażel fuq il-bażi tal-akbar volum ta' bejgħ rappreżentattiv li raġonevolment seta' jiġi investigat fiż-żmien disponibbli meta titqies il-firxa ġeografika tal-produtturi tal-Unjoni.
- (13) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-ħames produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Tnejn mill-kumpaniji fil-kampjun temmew il-koperazzjoni wara l-fażi tat-teħid ta' kampjuni. Minħabba li t-tliet kumpaniji li bagħtu t-tweġibiet għall-kwestjonarju xorta rrappreżentaw madwar 30 % tal-bejgħ mill-produtturi kollha tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni matul il-PIR, kien ikkunsidrat li l-kampjun xorta kien wieħed rappreżentattiv.
- (14) Il-Kummissjoni bagħtet ukoll minikwestjonarju lill-ħames produtturi li ma kinux intgħażlu fil-kampjun, lit-tnejn li kienu waqqfu l-koperazzjoni u lil żewġ produtturi magħrufa oħrajn sabiex tikseb informazzjoni dwar indikaturi ekonomiċi fir-rigward tal-akbar numru ta' produtturi tal-UE. Tweġibiet għal dawn il-minikwestjonarji waslu mingħand seba' produtturi.

5. **Il-verifika tal-informazzjoni li waslet**

- (15) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset li kienet meħtieġa għall-iskop tad-determinazzjoni tat-tkomplija jew il-probabilità ta' rikorrenza ta' dumping u ħsara u l-interess tal-Unjoni. Twettqu żjarat ta' verifika fl-istabbilimenti tal-kumpaniji li ġejjin:

5.1. *Produtturi tal-Unjoni*

- GARNICA PLYWOOD S.A. (Spanja);
- JEAN THEBAULT SAS (Franza);
- JOUBERT ST JEAN D'ANGELY SAS (Franza).

5.2. *Produtturi fil-Pajjiż Analogu*

- EKOL KONTRPLAK, Tasköprü (it-Turkija).

B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

1. Il-prodott ikkonċernat

- (16) Il-prodott ikkonċernat huwa l-istess bħal dak fl-investigazzjoni oriġinali u huwa definit kif ġej: plywood magħmul biss minn folji tal-injam, b'kull folja ma taqbiżx il-ħxuna ta' 6 mm, b'mill-inqas waħda mill-folji ta' barra tal-okoumé mhux miksija b'saff permanenti ta' materjali oħra, li joriġina fir-RPĊ, attwalment klassifikabbli taħt il-kodiċi NM ex 4412 31 10 (li qabel kienet ex 4412 13 10). Il-prodott ikkonċernat jintuża għal firxa wiesgħa ta' użi finali. Jintuża fl-industrija tal-bini f'applikazzjonijiet tal-mastrudaxxa u tal-karpentrija fuq barra għal xogħol bil-bords, bords tax-xaters, kantini fuq barra u balavostri u panewijiet mal-ġenb tax-xmajjar. Jintuża wkoll għal skopijiet aktar dekorattivi, inter alia, fit-trasport bit-triq (pereżempju l-karozzi, il-kowċis, il-karavans, il-karozzi tal-kamping), it-trasport bil-baħar (fil-jots), l-industrija tal-għamara u l-bibien.
- (17) Hemm żewġ tipi ewlenin ta' 'okoumé plywood', il-plywood magħmul biss bl-okoumé ('okoumé sħiħ') u plywood b'mill-inqas wieħed mill-uċuh ta' barra magħmul mill-okoumé ('wiċċ bl-okoumé'), bil-bqija magħmul minn injam ieħor. Iż-żewġ tipi ewlenin tal-'okoumé plywood' għandhom l-istess dehra esterna. Minkejja differenzi fil-karatteristiċi mekkaniċi, huma kollha jikkondividu l-istess karatteristiċi fiżiċi bażiċi, u bażikament jintużaw għall-istess għanijiet.

2. Prodott simili

- (18) Kif intwera fl-investigazzjoni oriġinali, u kif ġie kkonfermat f'din l-investigazzjoni, kien stabbilit li l-'okoumé plywood' immanufatturat fir-RPĊ u mibjugħ domestikament, kif ukoll il-prodott immanufatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni, instab li bażikament għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi u l-istess użu. Għaldaqstant, dawn il-prodotti jitqiesu li huma prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

C. IL-PROBABILITÀ TA' TKOMPLIJA JEW RIKORRENZA TA' DUMPING

- (19) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, ġiet eżaminata l-probabilità tat-tkomplija jew ir-rikorrenza tad-dumping meta potenzjalment isseħħ l-iskadenza tal-miżuri fis-seħħ kontra r-RPĊ.
- (20) Kif ġie ddikjarat fil-premessa (11) ta' hawn fuq, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe koperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, ir-reviżjoni tal-probabilità tat-tkomplija jew ir-rikorrenza tad-dumping kellha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni minn sorsi oħrajn. F'dan ir-rigward, minħabba li ma kienet disponibbli l-ebda informazzjoni ddettaljata dwar it-tipi preċiżi ta' prodotti esportati lejn l-Unjoni mir-RPĊ, it-tqabbil tal-valur normali u l-prezzijiet tal-esportazzjoni kellu jiġi limitat għaż-żewġ tipi ewlenin ta' 'okoumé plywood', imsemmija fil-premessa (17) ta' hawn fuq.
- (21) Minħabba f'hekk, ir-reviżjoni kienet ibbażata prinċipalment fuq l-istatistika kummerċjali tal-Eurostat. Barra minn hekk, produttur esportatur Ċiniez wieħed kien issottometta sa Ġunju 2009, ir-rapporti ta' sorveljanza perjodika meħtieġa skont il-premessa (61) tar-Regolament tal-Kunsill li jimponi d-dazji fis-seħħ. Għaldaqstant, sa

ċertu punt, l-informazzjoni minn dawn ir-rapporti tista' tintuża fir-reviżjoni tal-probabilità tat-tkomplija jew ir-rikorrenza tad-dumping.

1. Il-valur normali

1.1. *Il-pajjiż analogu*

- (22) Skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, fl-ekonomiji fi tranżizzjoni, il-valur normali għall-produtturi esportaturi li ma jingħatawx it-trattament ta' ekonomija tas-suq irid jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-prezz jew il-valur mibni f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq (il-pajjiż analogu).
- (23) Fl-avviż tat-tnedija, it-Turkija, li diġà kienet intużat bħala pajjiż analogu fl-investigazzjoni oriġinali, kienet prevista bħala pajjiż analogu xieraq għall-fini tal-istabbiliment tal-valur normali għar-RPĊ fir-reviżjoni tal-iskadenza preżenti. Għalkemm kienu mistiedna jagħmlu dan, l-ebda parti interessata ma kkummentat dwar l-għażla tat-Turkija. Għaldaqstant, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli meta saret l-għażla, ġie konkluż li t-Turkija kienet il-pajjiż analogu l-aktar xieraq.

1.2. *Id-determinazzjoni tal-valur normali*

- (24) Produttur Tork wieħed ikkopera u ssottometta twġiba għall-kwestjonarju. Skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali kien ikkalkulat fuq il-bażi tad-dejta vverifikata fl-istabbiliment ta' dak il-produttur Tork li jikkopera kif spjegat hawn taħt.
- (25) Il-valur normali kien stabbilit għaż-żewġ tipi ewlenin tal-prodott deskritti fil-premessa (17) ta' hawn fuq. Għal tip ewlieni wieħed tal-prodott, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew li jitħallsu fuq il-bejgħ magħmul fis-suq domestiku tat-Turkija, minħabba li dawn instabu li jsiru fi kwantitajiet rappreżentattivi u fl-andament normali tal-kummerċ. Fir-rigward tat-tip ewlieni l-ieħor tal-prodott, li kien prodott mill-produttur Tork iżda ma jinbiegħx fis-suq domestiku, il-valur normali mibni ntuża f'konformità mal-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku.
- (26) Biex jinbena valur normali skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku, l-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi (SG&A) li saru u l-qligħ medju ddifferenzjat miksub fuq il-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fl-andament normali tal-kummerċ, żdiedu mal-ispiża medja tal-produzzjoni matul il-PIR.

2. Il-prezz tal-esportazzjoni

- (27) Kif ġie iddikjarat hawn fuq, fin-nuqqas ta' kwalunkwe koperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi u f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-prezz tal-esportazzjoni kien stabbilit fuq il-bażi tal-istatistika kummerċjali disponibbli tal-Eurostat. Minħabba li l-Eurostat ma fihx informazzjoni għat-tip tal-prodott tal-*'okoumé plywood'*, sabiex ikunu evalwati l-prezzijiet tal-esportazzjoni għal kull wieħed miż-żewġ tipi ewlenin tal-*'okoumé plywood'*, dawn iċ-ċifri kienu aġġustati fuq il-bażi tad-differenza fil-prezz f'perċentwal bejn il-*'okoumé plywood'* sħiħ u l-*plywood* b'wiċċ bl-*okoumé* kif kien osservat għall-produttur Tork li kkopera. Id-differenza fil-prezz miksuba b'dan il-mod imbagħad kienet applikata għall-prezzijiet medji differenzjati tal-Eurostat.

- (28) Fir-rigward tal-volumi, fuq il-bażi tal-volumi totali tal-Eurostat, il-volumi tal-esportazzjoni Ċiniżi għal kull wieħed miż-żewġ tipi ewlenin tal-‘okoumé plywood’ kienu kkalkulati fuq il-bażi tal-proporzjon bejn il-‘okoumé plywood’ sħiħ u l-plywood b’wiċċ bl-okoumé kif kien osservat fir-rapporti ta’ sorveljanza msemmija fil-premessa (21) ta’ hawn fuq għall-perjodu li jikkoinċidi mal-PIR.

3. **It-tqabbil**

- (29) Sabiex ikun żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, saret konċessjoni xierqa fil-forma ta’ aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabilità tal-prezzijiet f’konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Fuq din il-bażi, l-aġġustamenti għad-differenzi fl-ispejjeż tat-trasport, l-ispejjeż tat-trasport tal-merkanzija bil-baħar u tal-assigurazzjoni, l-ispejjeż tat-tqandil, tat-tagħbija u dawk anċillari, tnaqqsu meta kien applikabbli u ġġustifikat. Fin-nuqqas ta’ koperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, l-ammonti għal dawn il-konċessjonijiet kienu stabbiliti fuq il-bażi tal-fatti disponibbli.

4. **Il-marġni tad-dumping**

- (30) Il-marġni tad-dumping li nstab, imfisser bħala perċentwal tal-prezz CIF tal-fruntiera tal-Unjoni, id-dazju mhux imħallas kien 34,2 %.

5. **L-iżvilupp probabbli tal-importazzjoni jekk il-miżuri jkunu rrevokati**

5.1. *Rimarki preliminari*

- (31) B’żieda mar-reviżjoni tal-eżistenza tad-dumping matul il-PIR, il-probabilità tat-tkomplija tad-dumping kienet eżaminata wkoll. Fin-nuqqas ta’ koperazzjoni minn xi produttur esportatur Ċiniż, il-konklużjonijiet rigward il-volum tal-importazzjoni u l-kapaċità żejda ta’ hawn taħt hija bbażata fuq il-fatti disponibbli f’konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, jiġifieri l-istatistika tal-kummerċ u s-sottomissjonijiet mill-partijiet interessati.

5.2. *Il-volum tal-importazzjoni*

- (32) Skont l-istatistika kummerċjali tal-Eurostat, l-importazzjoni attwali tal-‘okoumé plywood’ mir-RPĊ fl-Unjoni naqset b’mod sinifikanti minn żmien il-PI oriġinali, iżda l-produtturi Ċiniżi irnexxilhom iżommu preżenza fis-suq tal-UE, u żammew sehem ta’ 4,7 % tas-suq matul il-PIR.

5.3. *Il-kapaċità tal-produzzjoni, il-kapaċità żejda*

- (33) Fin-nuqqas ta’ koperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi tal-‘okoumé plywood’, kienet eżaminata l-qagħda tal-industrija Ċiniża tal-plywood kollha (li tipproduċi plywood mill-ispeċi kollha tal-injam). Kif ġie indikat fil-premessa (89) tar-Regolament (KE) Nru 988/2004 li jimponi dazji anti-dumping provviżorji fil-kors tal-investigazzjoni oriġinali, il-produtturi tal-plywood jistgħu u fil-fatt jipproduċu plywood magħmul minn speċi differenti tal-injam bl-istess tagħmir. L-applikant ipprova kalkolazzjoni tal-volum ta’ ‘okoumé plywood’ prodott fir-RPĊ, fuq il-bażi tan-numru ta’ zkuk okoumé disponibbli fis-suq Ċiniż, li kien stmat li kien madwar 900 000 m³ għall-PIR. L-applikant ikkalkula wkoll li madwar 85 % jew 765 000 m³ jintużaw għall-produzzjoni tal-plywood. Il-produzzjoni attwali tal-‘okoumé plywood’

hija diffiċli li tkun stmata, minħabba li t-taħlita tal-prodott, li għandha impatt importanti fuq il-kwantitajiet potenzjalment prodotti, mhijiex magħrufa minħabba n-nuqqas ta' koperazzjoni minn kwalunkwe produttur esportatur Ċiniż. Madankollu, stima tal-kapaċità tal-produzzjoni bbażata fuq iz-zkuk okoumé turi b'mod ċar li, fi kwalunkwe xenarju ta' taħlita tal-prodott, il-kapaċità tal-produzzjoni fir-RPĊ hija ħafna akbar mill-volumi kkunsmati fis-suq tal-UE (291 000 m³ fil-PIR, ara l-premessa (41) ta' hawn taħt).

- (34) Barra minn hekk, kien stabbilit kemm matul ir-reviżjoni attwali kif ukoll fl-investigazzjoni oriġinali, li l-plywood magħmul minn speċi differenti tal-injam huwa prodott mill-istess kumpaniji, bl-istess tagħmir. Għaldaqstant, wieħed jista' jistenna li, fin-nuqqas ta' miżuri, il-produtturi Ċiniżi li attwalment huma ffukati fuq il-produzzjoni ta' tipi oħrajn, li jħallu inqas qligħ, ta' plywood jistgħu b'mod dejjem akbar jixxiftjaw il-produzzjoni tagħhom għall-‘okoumé plywood’. Skont l-istatistika tal-esportazzjoni Ċiniża, l-esportazzjoni Ċiniża tal-plywood kopriet aktar minn 5 miljun m³ matul il-PIR, jew madwar 17-il darba s-suq tal-Unjoni tal-‘okoumé plywood’. Konsegwentement, ċaqliqa żgħira biss fit-taħlita tal-prodott hija meħtieġa biex jiżiedu sostanzjalment il-volumi tal-‘okoumé plywood’ disponibbli għall-esportazzjoni.

5.4. *Il-volum u l-prezz tal-importazzjoni mir-RPĊ lejn l-Unjoni u pajjiżi terzi oħra*

- (35) Fl-2009 u fuq il-bażi tad-dejta tal-esportazzjoni Ċiniża, l-Unjoni kienet id-destinazzjoni għal parti żgħira biss (ca. 5 %) tal-esportazzjoni Ċiniża tal-plywood tropikali. Meta mqabbla mal-prezzijiet għal swieq oħra, dan il-bejgħ sar bi prezzijiet tal-bejgħ relattivament għoljin. Għaldaqstant, huwa probabbli li, jekk il-miżuri jiġu revokati, sehem akbar tal-esportazzjoni Ċiniża tal-‘okoumé plywood’ ikun dirett lejn l-Unjoni.

5.5. *Il-konklużjoni dwar il-probabilità tat-tkomplija tad-dumping*

- (36) L-investigazzjoni uriet li l-prodott ikkonċernat xorta għadu qed jinbiegħ fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet dumped u mhux f'volumi sinifikanti. Barra minn hekk, l-informazzjoni disponibbli tindika li l-volumi tal-produzzjoni fir-RPĊ huma għoljin ħafna u li s-sehem tal-esportazzjoni tagħha lejn l-Unjoni attwalment huwa mrażżan minħabba l-miżuri fis-seħħ. F'dan ir-rigward, huwa probabbli li jekk il-miżuri jiġu revokati, l-‘okoumé plywood’ attwalment esportat lejn pajjiżi oħra bi prezzijiet aktar baxxi se jkun dirett mill-ġdid lejn is-suq tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-produtturi Ċiniżi tal-plywood mistennija li jżidu l-produzzjoni tagħhom tal-‘okoumé plywood’ jekk il-miżuri jiskadu minħabba li s-suq tal-Unjoni tal-‘okoumé plywood’ relattivament irendi aktar qligħ.
- (37) Minħabba dawn ir-risultati, ġie għaldaqstant konkluż li hemm il-probabilità tat-tkomplija tad-dumping jekk il-miżuri anti-dumping attwali jitħallew jiskadu.

D. **ID-DEFINIZZJONI TAL-INDUSTRIJA TAL-UNJONI**

- (38) Fl-Unjoni, huwa magħruf li l-prodott simili huwa mmanifatturat minn sittax-il produttur f'Ċipru, Franza, l-Italja, il-Portugall u Spanja. Il-produzzjoni totali tal-UE hija stmata li hija 235.000 metri kubi. Il-produtturi tal-Unjoni li jkopru l-produzzjoni totali tal-Unjoni jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku. Matul il-perjodu meqjus fl-investigazzjoni oriġinali, is-suq tal-

Unjoni kien jikkonsisti minn 15-il Stat Membru tal-UE. Madankollu, minħabba li l-produzzjoni tal-‘okoumé plywood’ fit-12-il Stat Membru ġdid tal-UE hija pjuttost insinifikanti, it-tqabbil bejn l-investigazzjoni attwali u dik oriġinali jkun siewi.

- (39) Kif issemma’ fil-premessa (10) ta’ hawn fuq, kampjun ta’ tliet produttori, li jirrappreżentaw madwar 30 % tal-bejgħ tal-UE mill-produtturi kollha tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati matul il-PIR u madwar 26 % tal-produzzjoni mill-produtturi kollha tal-Unjoni matul ir-PIR, kien investigat fid-dettall. Il-kampjun kien jikkonsisti fil-kumpaniji li ġejjin:

- GARNICA PLYWOOD S.A. (Spanja);
- JEAN THEBAULT SAS (Franza);
- JOUBERT ST JEAN D'ANGELY SAS (Franza).

E. IL-QAGĦDA FIS-SUQ TAL-UNJONI

1. Il-konsum fl-Unjoni

- (40) Il-konsum fl-Unjoni tal-‘okoumé plywood’ kien stabbilit fuq il-bażi tal-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u produttori oħra tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u l-volum tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi lejn l-Unjoni fuq il-bażi tad-dejta tal-Eurostat.

- (41) B’kollox, bejn il-PI fl-investigazzjoni oriġinali u l-PIR tar-reviżjoni attwali, il-konsum tal-Unjoni naqas b’35 %. Matul il-perjodu meqjus fir-reviżjoni attwali, il-konsum tal-Unjoni naqas bi 22 %. B’mod ġenerali dan huwa spjegat mill-fatt li l-‘okoumé plywood’ sa ċertu punt ġie sostitwit bi speċijiet oħrajn tal-injam tropikali, bħalma huma l-kanarjum aħmar, il-bankiraj jew il-meranti. Fl-2008 u l-PIR, il-kriżi ekonomika u t-tnaqqis sussegwenti f’ċerti attivitajiet industrijali kkontribwew għax-xejra ta’ tnaqqis fid-domanda għall-‘okoumé plywood’ fl-Unjoni.

	2006	2007	2008	PIR
Il-konsum totali tal-UE (m³)	375.105	382.976	339.914	291.421
<i>Indiċi (2006 = 100)</i>	100	102	91	78

Is-sors: it-tweġibiet tal-kwestjonarju, it-talba għal reviżjoni u l-Eurostat

2. Il-volum, is-sehem tas-suq u l-prezzijiet tal-importazzjoni mir-RPĊ

- (42) L-importazzjoni attwali tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni naqset minn 83 606 m³ fil-PI oriġinali għal 23 531 m³ fl-2006. Wara, din l-importazzjoni żdiedet b’aktar minn 20 % bejn l-2006 u l-2008 u naqset b’mod drastiku bejn l-2008 u l-PIR għal 54 % tal-livell tal-2006.

Importazzjoni (m³)	2006	2007	2008	PIR
RPĊ	23.531	37.023	28.493	12.620
<i>Indiċi (2006=100)</i>	100	157	121	54

Is-sors: l-Eurostat

- (43) Is-sehem tas-suq korrispondenti żdied bi 3,4 punti perċentwali bejn l-2006 u l-2007. Dan naqas b’1,3 punti perċentwali bejn l-2007 u l-2008 u kompla jonqos b’4,1 punti

perċentwali bejn l-2008 u l-PIR. B'kolloxx, is-sehem tas-suq tal-importazzjoni Ċiniża lejn l-UE naqas b'2 punti perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat.

Sehem tas-suq	2006	2007	2008	PIR
RPĊ	6,3%	9,7%	8,4%	4,3%

Is-sors: it-tweġibiet tal-kwestjonarju, it-talba għal reviżjoni u l-Eurostat

- (44) Il-prezzijiet medji tal-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ żdiedu bi 32 % bejn l-2006 u l-PIR. B'mod aktar speċifiku, dawn il-prezzijiet żdiedu bi 22% bejn l-2006 u l-2007, bi 3 punti perċentwali oħra bejn l-2007 u l-2008 u b'7 punti perċentwali oħra bejn l-2008 u r-PIR.

Importazzjoni (€/m3)	2006	2007	2008	PIR
RPĊ	485	590	608	642
Indiċi (2006=100)	100	122	125	132

Is-sors: l-Eurostat

3. It-twaqqigħ tal-prezz

- (45) Għall-finijiet tar-reviżjoni tat-twaqqigħ tal-prezz, il-prezzijiet medji tal-bejgħ iddifferenzjati għat-tip tal-prodott tal-industrija tal-Unjoni fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fis-suq tal-UE tqabblu mal-prezzijiet medji ddifferenzjati tal-importazzjoni kkonċernata. It-tqabbil sar wara t-tnaqqis tar-ribassi u l-iskonti.
- (46) Fuq din il-bażi kien stabbilit li bħala medja, l-importazzjonijiet Ċiniżi waqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni b'10 % matul il-PIR.
- (47) Fl-investigazzjoni oriġinali sar aġġustament għad-differenza fil-kwalità bejn il-prodott ikkonċernat importat mir-RPĊ u l-prodott simili mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni. F'din l-investigazzjoni, il-kodifikazzjoni tat-tipi tal-prodotti fil-kwestjonarji kienet aġġustata b'mod li tqis dan. Għaldaqstant, f'din l-investigazzjoni tqieset id-differenza fil-kwalità u minħabba li l-ebda dejta ma waslet mill-produtturi esportaturi Ċiniżi dwar differenzi addizzjonali eventwali fil-kwalità, l-aġġustament li sar fl-investigazzjoni oriġinali ma kienx applikat f'din l-investigazzjoni. Matul il-PI tal-investigazzjoni oriġinali, il-prodotti kkonċernati li joriġinaw fir-RPĊ inbiegħu fl-Unjoni bi prezzijiet li waqqgħu il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'marġni li jvarjaw minn 11 % sa 52 %.

4. Il-qagħda ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

Rimarki preliminari

- (48) L-indikaturi tal-ħsara kollha elenkati fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku ġew analizzati. L-indikaturi dwar il-volum tal-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità, l-impjegi, il-volum tal-bejgħ, il-prezzijiet tal-bejgħ, il-produttività u s-sehem mis-suq ġew analizzati fuq il-bażi tad-dejta miġbura għall-industrija tal-Unjoni kollha. Fir-rigward tal-indikaturi tad-dannu l-oħra kollha, l-eżami tagħhom kien ibbażat fuq l-informazzjoni mogħtija mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kif ivverifikata fl-istabbilimenti ta' kull kumpanija.

Id-dejta relatata mal-industrija tal-Unjoni kollha

(a) Il-produzzjoni

- (49) Il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied b'31 % bejn l-2006 u l-2007 u naqas b'2 punti perċentwali bejn l-2007 u l-2008 u bi 13-il punt perċentwali oħra bejn l-2008 u l-PIR. Minkejja ż-żieda ta' 16 % fil-volum tal-produzzjoni bejn l-2006 u l-PIR, il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni baqa' taħt il-volumi misjuba fl-investigazzjoni oriġinali jiġifieri taħt il-283 265 m³ fl-2002 u l-267 591 fil-PI oriġinali.

	2006	2007	2008	PIR
Produzzjoni (m³)	203.604	267.155	263.080	235.182
<i>Indiċi (2006=100)</i>	100	131	129	116

Is-sors: it-tweġibiet tal-kwestjonarju u t-talba għar-reviżjoni

(b) Il-kapaċità tal-produzzjoni u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità

- (50) Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdiedet bi 33 % bejn l-2006 u l-2007 u bi 12-il punt perċentwali oħra bejn l-2007 u l-2008. Bejn l-2008 u l-PIR, il-kapaċità tal-produzzjoni baqgħet stabbli. B'kollox, il-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdiedet b'45 % matul il-perjodu kkunsidrat. L-utilizzazzjoni tal-kapaċità kienet 51 % fl-2006 u naqset aktar għal 41 % matul il-PIR.

	2006	2007	2008	PIR
Kapaċità tal-produzzjoni (m³)	399.016	532.415	578.484	577.205
<i>Indiċi (2006=100)</i>	100	133	145	145
Utilizzazzjoni tal-kapaċità	51%	50%	45%	41%
<i>Indiċi (2006=100)</i>	100	98	89	80

Is-sors: it-tweġibiet tal-kwestjonarju u t-talba għar-reviżjoni

(ċ) L-impjieg

- (51) Il-livell tal-impjieg tal-industrija tal-Unjoni juri żieda ta' 11 % bejn l-2006 u l-PIR. B'mod aktar speċifiku, l-għadd tal-persuni impjegati żdied b'21 % bejn l-2006 u l-2007 u baqa' qrib dan il-livell fl-2008. Bejn l-2008 u l-PIR, in-numru tal-impjegati naqas b'9 punti perċentwali. Bħala konsegwenza tal-għeluq tal-kumpaniji u r-ristrutturazzjoni, il-livell tal-impjieg fil-perjodu kkunsidrat qatt ma laħaq il-livelli nnotati matul l-investigazzjoni oriġinali.

	2006	2007	2008	PIR
Impjieg (persuni)	883	1.064	1.060	983
<i>Indiċi (2006=100)</i>	100	121	120	111

Is-sors: it-tweġibiet tal-kwestjonarju u t-talba għal revizzjoni

(d) Il-volum tal-bejgħ

- (52) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-volum tal-bejgħ tal-UE tal-produtturi tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati naqas b'16 %. Bejn l-2006 u l-2007, il-bejgħ baqa' stabbli qabel naqas fl-2008 u fil-PIR. Il-volum tal-bejgħ matul il-perjodu meqjus kien tal-istess ordni ta' daqs meta mqabbel mal-perjodu kkunsidrat fl-investigazzjoni oriġinali.

	2006	2007	2008	PIR
Volum tal-bejgħ tal-UE (m³)	277.739	272.341	242.728	233.333
<i>Indiċi (2006=100)</i>	100	98	87	84

Is-sors: it-tweġibiet tal-kwestjonarju u t-talba għar-reviżjoni

(e) Il-prezzijiet tal-bejgħ

- (53) Bejn l-2006 u l-2007, il-prezzijiet tal-bejgħ medji tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati żdiedu bi 13 % u b'5 punti perċentwali oħra bejn l-2007 u l-2008. Matul il-PIR, dawn il-prezzijiet reġgħu lura għal-livell tal-2007. B'kolloxx, il-prezzijiet tal-bejgħ tal-UE żdiedu bi 13 % matul il-perjodu meqjus.

	2006	2007	2008	PIR
Unità tal-prezz fis-suq tal-UE (EUR/m³)	786	885	930	887
<i>Indiċi (2006=100)</i>	100	113	118	113

Is-sors: it-tweġibiet tal-kwestjonarju u t-talba għar-reviżjoni

(f) Il-produttività

- (54) Il-produttività tal-ħaddiema tal-produtturi tal-Unjoni, imkejla bħala produzzjoni annwali (metri kubi) għal kull persuna impjegata, żdiedet b'4 % matul il-perjodu meqjus. Dan jirrifletti l-fatt li l-produzzjoni żdiedet b'pass aktar mgħaġġel mil-livell tal-impjiegi u huwa indikazzjoni tal-effiċjenza mtejbja tal-produtturi tal-Unjoni.

	2006	2007	2008	PIR
Produttività (m³ kull impjegat)	231	251	248	239
<i>Indiċi (2006=100)</i>	100	109	108	104

Is-sors: it-tweġibiet tal-kwestjonarju u t-talba għar-reviżjoni

(g) Is-sehem tas-suq

- (55) Is-sehem tas-suq tal-industrija tal-Unjoni żdied bi kważi 6 punti perċentwali matul il-perjodu meqjus. B'mod aktar speċifiku, dan naqas bi 3 punti perċentwali bejn l-2006 u l-2007 u baqa' relattivament stabbli bejn l-2007 u l-2008. Bejn l-2008 u l-PIR dan żdied bi 8,6 punti perċentwali għal 80,2 %. Iż-żieda tas-sehem tas-suq tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu meqjus qiegħed jirrifletti tnaqqis fil-bejgħ tal-Unjoni b'kuntrast ma' tnaqqis aktar qawwi fil-konsum tal-Unjoni.

	2006	2007	2008	PIR
Sehem tas-suq tal-produtturi tal-UE	74,3%	71,3%	71,6%	80,2%

Is-sors: it-tweġibiet tal-kwestjonarju, it-talba għar-reviżjoni u l-Eurostat

(h) Id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru mid-dumping tal-passat

- (56) Matul il-PIR, minkejja l-miżuri fis-seħħ, kompla jsir dumping sostanzjali għalkemm f'livell ġeneralment aktar baxx minn dak stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali. Minħabba l-volum u l-prezz tal-importazzjoni ta' prodotti li huma l-oġġetti ta' dumping, l-impatt tal-marġni attwali tad-dumping, li huwa sinifikanti, ma jistax jitqies bħala negliġibbli. Għalkemm jista' jkun stabbilit xi rkupru mid-dumping tal-passat, l-industrija tal-Unjoni tibqa' vulnerabbli għall-effetti ta' ħsara minn kwalunkwe importazzjoni ta' prodotti li huma l-oġġetti ta' dumping fis-suq tal-Unjoni.

- (57) Rigward il-qagħda ġenerali tal-industrija tal-Unjoni, instab li diversi produttori għalqu minn meta sehhiet l-investigazzjoni oriġinali. Skont l-informazzjoni disponibbli, l-ikbar produttur tal-Unjoni fil-PI oriġinali falla fl-2008 u l-ewwel naqqas imbagħad waqqaf għal kollox il-produzzjoni. Żewġ produttori tal-Unjoni oħrajn fil-kampjun tal-investigazzjoni oriġinali għalqu fl-2005 u fl-2006 rispettivament. Produttur Franċiż ieħor għalaq ukoll fil-bidu tal-2009. Barra minn hekk, produttur Grieg naqqas sostanzjalment il-produzzjoni. Dawn l-iżviluppi, minkejja li setgħu ikkontribwew għal żieda fis-sehem tas-suq tal-bqija tal-produtturi tal-Unjoni, juru li l-industrija tal-Unjoni b'mod ġenerali għadha fraġili u vulnerabbli.

Dejta relatata mal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

(a) Stokks

- (58) Il-livell tal-istokk tal-għeluq tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żdied bi kważi ħames darbiet matul il-perjodu kkunsidrat. Meta mqabbel mal-perjodu kkunsidrat matul l-investigazzjoni oriġinali, fejn l-‘okoumé plywood’ kien sempliċiment prodott skont kemm ikun ordnat, jidher li qegħdin jinżammu mażżuna volumi akbar. B'mod partikolari dan huwa l-każ fl-2008 u fil-PIR bħala konsegwenza tat-tnaqqis fil-volumi tal-bejgħ.

<i>Kampjun</i>	2006	2007	2008	PIR
L-istokk tal-għeluq (m³)	1.419	3.954	6.805	6.589
<i>Indiċi (2006=100)</i>	100	279	480	464

Is-sors: it-tweġibiet tal-kwestjonarju

(b) Il-pagi

- (59) L-ispiża tax-xogħol annwali tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żdiedet b'26 % matul il-perjodu meqjus. B'mod aktar speċifiku, l-ispiża tax-xogħol annwali żdiedet b'29 % bejn l-2006 u l-2007. Barra minn hekk, din naqset bi 3 punti perċentwali bejn l-2007 u l-2008. Bejn l-2008 u l-PIR din baqgħet stabbli.

<i>Kampjun</i>	2006	2007	2008	PIR
Spiża tax-xogħol annwali (EUR)	6.429.123	8.262.078	8.125.944	8.100.326
<i>Indiċi (2006=100)</i>	100	129	126	126

Is-sors: it-tweġibiet tal-kwestjonarju

(c) Il-profittabilità u r-redditu mill-investimenti

- (60) Il-livell tal-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kien ta' 4,3 % fl-2006 u tjejb għal 9,8 % u 8,3 % fl-2007 u l-2008 rispettivament, qabel naqas għal 5,9 % matul il-PIR. Ir-redditu mill-investimenti ('ROI'), imfisser bħala profitt f'perċentwal tal-valur nett fuq il-ktieb tal-investimenti mnaqqas b'51 % fuq il-perjodu kkunsidrat jew minn 12,5 % fl-2006 sa 6,2 % fil-PIR.

<i>Kampjun</i>	2006	2007	2008	PIR
Profittabilità tal-UE (% tal-bejgħ nett)	4,3%	9,8%	8,3%	5,9%
<i>Indiċi (2006=100)</i>	100	230	193	137
ROI (il-profitt f' % tal-valur nett tal-ktieb tal-investimenti)	12,5%	13,6%	12,1%	6,2%
<i>Indiċi (2006=100)</i>	100	109	97	49

Is-sors: it-tweġibiet tal-kwestjonarju

(d) Il-fluss tal-likwidità u l-abilità li jiżdied il-kapital

- (61) Il-fluss tal-likwidità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żdied bi 32 % matul il-perjodu meqjus. Ma kienx hemm indikazzjonijiet li l-industrija tal-Unjoni ltaqgħet ma' diffikultajiet biex jiżdied il-kapital.

Kampjun	2006	2007	2008	PIR
Il-fluss tal-likwidità (EUR)	10.507.019	11.414.266	15.892.091	13.853.776
<i>Indiċi (2006=100)</i>	100	109	151	132

Is-sors: it-tweġibiet tal-kwestjonarju

(e) L-investimenti

- (62) L-investimenti annwali tal-produtturi fil-kampjun fil-produzzjoni tal-prodott simili żdiedu b'10 % bejn l-2006 u l-2007, b'100 punt perċentwal bejn l-2007 u l-2008 u b'16-il punt perċentwal oħra bejn l-2008 u l-PIR. B'mod ġenerali, l-investimenti żdiedu b'126 % matul il-perjodu meqjus.

Kampjun	2006	2007	2008	PIR
Investimenti netti (EUR)	3.588.258	3.959.491	7.520.975	8.108.166
<i>Indiċi (2006=100)</i>	100	110	210	226

Is-sors: it-tweġibiet tal-kwestjonarju

5. Il-konklużjoni dwar il-qagħda ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

- (63) Ir-reviżjoni tad-dejta makroekonomika u mikroekonomika turi li l-industrija tal-Unjoni tinsab f'qagħda relattivament stabbli. B'mod partikolari, il-livell tal-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun irkupra mil-livell ta' -8,9 % misjub għall-produtturi fil-kampjun fl-investigazzjoni oriġinali u l-livell tal-profittabilità medja baqa' bejn 4,3 % u 9,8 % matul il-perjodu meqjus. L-industrija tal-Unjoni rnexxilha wkoll iżżid is-sehem tas-suq tagħha f'suq li qiegħed jiċkien bis-saħħa tal-miżuri fis-seħħ.

F. IL-PROBABILITÀ TA' RIKORRENZA TAD-DANNU

1. L-impatt tal-volum tal-importazzjoni u l-effetti tal-prezzijiet ipproġettati fil-każ ta' revoka tal-miżuri

- (64) Għalkemm l-industrija tal-Unjoni tidher li stabbilizzat ruħha u rkuprat mill-effetti tal-importazzjoni ta' prodotti li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ, hija għadha ma laħqitx il-livell tal-produzzjoni, bejgħ u impjiegi tal-perjodu qabel l-investigazzjoni oriġinali. Għadd ta' produtturi tal-Unjoni għalqu, u dan juri wkoll li l-industrija bħala ħaġa sħiħa għadha pjuttost fraġili.
- (65) Għadd ta' elementi jappoġġjaw il-probabilità ta' rikorrenza tal-ħsara fil-każ li l-miżuri jitħallew jiskadu. L-ewwel nett, fid-dawl tal-livelli attwali tat-twaqqiġ tal-prezz misjuba għall-importazzjoni mir-RPĊ u fuq l-ipoteżi li l-livell baxx attwali tal-prezzijiet tal-importazzjoni se jrin ikompli jew saħansitra se jrin jissaħħu sabiex jtkabbar is-sehem tas-suq, l-industrija tal-Unjoni mhux sejra tkun f'pożizzjoni li iżżomm il-livell tal-prezzijiet attwali. Din il-probabilità ta' twaqqiġ tal-prezzijiet sejra

tipperikola tabilħaqq l-irkupru attwali tal-industrija tal-Unjoni u timmina l-profittabilità.

- (66) It-tieni nett, minħabba l-kapaċitajiet tal-produzzjoni konsiderevoli tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, hemm ukoll il-probabilità li l-importazzjoni (ta' prodotti li huma l-oġġett ta' dumping) se tiżdied f'livelli ta' prezzijiet baxxi. Dan, min-naħa tiegħu, ikun ifisser li l-industrija tal-Unjoni sejra titlef il-bejgħ fis-suq, u minħabba r-rata diġà baxxa tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità matul il-PIR, dan jista' jwassal għal aktar tnaqqis fil-produzzjoni jew saħansitra għal aktar għeluq ta' produtturi tal-Unjoni.
- (67) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-konklużjoni hija li fil-każ li l-miżuri jitħallew jiskadu, hemm il-probabilità ta' rikorrenza tad-dannu minn importazzjoni mill-ġdid tal-prodott kkonċernat li huwa l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ.

Kunsiderazzjonijiet oħrajn: aċċess għall-materja prima fil-Gabon

- (68) Okoumé huwa injam tropikali li jikber prinċipalment fil-Gabon u f'livell inqas fil-Ginea Ekwatorjali u fil-Kamerun. L-assoċjazzjoni tal-kwerelant ipprovdiet evidenza li l-gvern tal-Gabon ipprojbixxa, mill-1 ta' Jannar 2010, l-esportazzjoni ta' zkkuk mhux imqaxxa tal-okoumé mill-Gabon bl-għan li jżomm fil-pajjiż it-trasformazzjoni taz-zkkuk f'fuljetta. Għaldaqstant ġie eżaminat jekk tali projbizzjoni, għalkemm seħħet wara l-PIR, ikollhiex impatt sostanzjali fuq din ir-reviżjoni.
- (69) L-informazzjoni li waslet permezz tal-investigazzjoni indikat li l-kumpaniji Asjatiċi, li jimportaw/jesportaw aktar minn 60 % taz-zkkuk tal-Gabon, jidhru li huma f'pożizzjoni b'saħħitha biex jinnegozjaw mas-Société Nationale des Bois du Gabon (SNBG), l-esportatur ewlieni tal-injam okoumé u mal-gvern tal-Gabon u jidhru li kellihom impatt inqas bid-deċizzjoni mill-kumpaniji Ewropej. Fin-nuqqas ta' koperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-valutazzjoni tal-impatt f'dan ir-rigward ma tistax titwettag aktar.
- (70) Il-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010 biss, jiġifieri wara l-PIR u kien japplikaw perjodu tranżitorju sa Mejju 2010 għaz-zkkuk maqtugħin diġà fi tmiem l-2009 li xorta setgħu jiġu esportati. Sabiex ikun eżaminat l-effett tad-dħul fis-seħħ tal-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni fuq il-produtturi tal-Unjoni, fl-14 ta' Settembru 2010, intalbet informazzjoni addizzjonali mingħand il-membri tal-assoċjazzjoni tal-kwerelant. Waslu tweġibiet mingħand erba' produtturi tal-Unjoni. Tnejn mill-produtturi fil-kampjun għandhom l-impjant tat-tqaxxir tagħhom fil-Gabon u għaldaqstant jidher li mhumiex sejr in jkunu affettwati mill-projbizzjoni. Madankollu, il-produtturi fil-kampjun kollha kkonfermaw l-informazzjoni li l-kumpaniji Ċiniżi għandhom pożizzjoni ta' negozjar b'saħħitha biex jiksibu l-materja prima u li l-effikaċja tal-inforzar tal-liġi għad trid tidher. Il-produtturi tal-Unjoni kkonfermaw li l-provvista tal-okoumé naqset u l-prezzijiet żdiedu wara l-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni taz-zkkuk fil-Gabon u li l-produtturi li għandhom impjant tat-tqaxxir tal-okoumé fl-UE sejr in ikunu daww li jsufu l-iktar mis-sitwazzjoni l-ġdida.
- (71) F'kull ċirkostanza, il-projbizzjoni tapplika fil-prinċipju għall-esportazzjoni kollha, jiġifieri anki għall-esportazzjoni lejn ir-RPĊ. Għaldaqstant, is-sitwazzjoni ġuridika ġdida fil-Gabon ma jidhirx li taffettwa r-reviżjoni f'din ir-reviżjoni tal-iskadenza.

2. Il-konklużjoni dwar il-probabilità tar-rikorrenza tad-dannu

- (72) Fuq il-bażi tar-reviżjoni ta' hawn fuq, il-konklużjoni hija li l-iskadenza tal-miżuri probabbilment tirriżulta f'rikorrenza tal-ħsara għall-industrija tal-Unjoni kkawżata minn importazzjoni tal-prodott kkonċernat li huwa l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ.

G. REVIŻJONI INTERIM LIMITATA GĦALL-ASPETTI TA' ĦSARA MINĦABBA D-DEĊIŻJONI TAL-CONSEIL DE LA CONCURRENCE FRANĊIŻ

- (73) Kif kien indikat fil-premessa (4), għadd ta' produttori Franċiżi kienu soġġetti għal proċediment tal-Qorti Franċiża rigward l-imġiba anti-kompetittiva li minħabba fiha kien ikkunsidrat xieraq li titnieda reviżjoni interim *ex officio* biex tkun eżaminata mill-ġdid b'mod partikolari l-qagħda tal-ħsara tal-industrija tal-Unjoni mqabbla mal-qagħda li pprevaliet fil-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali.
- (74) Fil-proċediment tal-qorti msemmija hawn fuq, il-Conseil de la Concurrence Franċiż immulta sitt produttori tal-plywood Franċiżi minħabba mġiba anti-kompetittiva (jiġifieri applikaw l-istess livelli tal-prezzijiet u żidiet fil-prezzijiet b'mod simultanju) matul il-perjodu Novembru 1995 sa Mejju 2004. Fis-sentanza tagħha tad-29 ta' Settembru 2009, il-Cour d'Appel de Paris ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Conseil de la Concurrence għalkemm naqqset kemmxejn l-ammont tal-multi.
- (75) Fl-reviżjoni tad-dannu tal-proċediment oriġinali, iddaħħlu fil-kampjun ħames produttori Ewropej: tlieta Franċiżi, wieħed Taljan u wieħed Portugiż. Tnejn mit-tliet produttori Franċiżi fil-kampjun wara kienu soġġetti għall-multi msemmija hawn fuq. Sabiex tkun eżaminata l-inflwenza potenzjali tal-imġiba kontra l-kompetizzjoni ta' hawn fuq, fuq l-reviżjoni tad-dannu, l-ewwel tqabblu l-prezzijiet tal-bejgħ medji ta' kull waħda mill-kumpaniji fil-kampjun oriġinali. Instab li ż-żewġ produttori Franċiżi li wara kienu mmultati tabilħaqq kellhom il-prezz ta' kull unità tal-bejgħ medja ogħla mit-tliet kumpaniji l-oħra fil-kampjun. Din id-differenza fil-prezz tista' tkun spjegata parzjalment bir-riżultati tal-investigazzjoni oriġinali jiġifieri mit-taħlita ta' prodotti differenti ta' dawn il-produtturi. Madankollu, meta jsir it-tqabbil f'livell aktar iddettaljat, jidher li l-prezzijiet tal-unitajiet tal-bejgħ taż-żewġ produttori Franċiżi fil-PI oriġinali kienu ogħla wkoll kemm għall-'okoumé plywood' sħiħ (7-30% ogħla) kif ukoll għall-plywood b'wiċċ bl-okoumé (3-19%).
- (76) Għaldaqstant, f'pass suċċessiv, id-dejta taż-żewġ kumpaniji Franċiżi mmultati tneħħiet mill-kalkolazzjoni tad-dannu u l-istampa tad-dannu tal-każ oriġinali ġiet eżaminata fuq il-bażi tad-dejta mit-tliet kumpaniji li baqgħu fil-kampjun. Minħabba li l-indikaturi makroekonomiċi (il-produzzjoni, il-produttività, il-bejgħ, is-sehem mis-suq, l-impjiegi u t-tkabbir) kienu bbażati fuq informazzjoni pprovduta mill-ġaxar produttori tal-Unjoni, id-dejta tal-kumpaniji Franċiżi l-oħrajn immultati tneħħiet minn din il-kalkolazzjoni wkoll.
- (77) Instab li r-riżultati tal-investigazzjoni oriġinali rigward l-hekk imsejħa indikaturi mikroekonomiċi ma jinbidlux b'mod sinifikanti mingħajr id-dejta mill-kumpaniji Franċiżi mmultati. Matul il-perjodu kkunsidrat fl-investigazzjoni oriġinali, il-profittabilità tal-kumpaniji fil-kampjun naqset minn 3,5 % għal -8,9 %. Li kieku l-produtturi Franċiżi mmultati ġew esklużi mill-kampjun, il-profittabilità kienet tonqos minn 3,1 % għal -6,5 %. Id-dħul mill-investiment tal-kumpaniji fil-kampjun naqas minn 15,6 % għal -27,5 %; mingħajr il-produtturi Franċiżi mmultati, id-dħul kien jonqos minn 19,3 % għal -38,9 %. L-investimenti tal-kumpaniji fil-kampjun naqsu bi 80 %; mingħajr il-produtturi Franċiżi mmultati, dawn kienu jonqsu b'86 %. Il-

likwidità tal-produtturi fil-kampjun naqset minn 7,6 miljun EUR għal 59 000 EUR; mingħajr il-produtturi Franċiżi mmultati dan kien jonqos minn 1,5 miljun EUR għal - 69 000 EUR. Rigward id-dejta makroekonomika tal-industrija tal-Unjoni b'mod ġenerali, tkun innotata stampa aktar sfumata jekk tkun eskluża d-dejta mill-produtturi Franċiżi mmultati. Matul il-perjodu kkunsidrat fl-investigazzjoni oriġinali, il-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqset b'10 %; mingħajr il-produtturi Franċiżi mmultati din kienet tonqos b'1 %. L-impjiegi fl-industrija tal-Unjoni naqsu b'9 %; mingħajr il-produtturi Franċiżi mmultati dawn kienu jibqgħu stabbli. Il-valur tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas b'7 %; mingħajr il-produtturi Franċiżi mmultati dan kien jiżdied b'5 %. Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas b'10 %; mingħajr il-produtturi Franċiżi mmultati dan kien jiżdied b'1 %.

- (78) Għaldaqstant, anki jekk l-istampa tad-danni ssir aktar sfumata meta jkunu esklużi l-kumpaniji Franċiżi mmultati, xorta jibqa' jkun hemm ħsara materjali fl-investigazzjoni oriġinali. Dan isegwi, b'mod partikolari, mill-iżvilupp tal-hekk imsejħa indikaturi makroekonomiċi.
- (79) Kien eżaminat ukoll jekk l-imġiba kontra l-kompetizzjoni tal-produtturi Franċiżi setax kellha effett potenzjali fuq l-istampa tal-ħsara tar-reviżjoni attwali. L-ewwel nett, minħabba li l-kartell waqaf fl-2004, l-ebda wieħed mill-indikaturi ma jista' jkun influwenzat direttament aktar mill-azzjonijiet kontra l-kompetizzjoni. Għaldaqstant, kien stmat jekk indirettament, jiġifieri permezz tal-ispiża tal-multi, setax xorta waħda jkun hemm influwenza fuq ir-reviżjoni tal-ħsara. Instab li l-ebda wieħed miż-żewġ produtturi Franċiżi fil-kampjun ma nkluda l-ammont tal-multa meta kkalkula l-profitabilità tiegħu. Għaldaqstant, instab li l-prattiki kontra l-kompetizzjoni tal-passat jew il-multi imposti ma kellhomx effett fuq ir-reviżjoni attwali tal-ħsara.
- (80) Fuq il-bażi tar-reviżjoni ta' hawn fuq, il-konklużjoni hija li l-imġiba kontra l-kompetizzjoni tal-produtturi Franċiżi m'affettwax b'mod partikolari l-qagħda tad-dannu tal-industrija tal-Unjoni meta mqabbla mal-qagħda li pprevaliet fil-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali. Għaldaqstant, ir-reviżjoni parzjali interim għandha tintemm.

H. L-INTERESS TAL-UNJONI

- (81) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, kien eżaminat jekk kienx hemm raġunijiet konvinċenti biex ma jinżammux il-miżuri anti-dumping eżistenti. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-interessi varji kollha involuti. Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-oportunità biex jikkummentaw b'konformità mal-Artikolu 21(2) tar-Regolament bażiku.
- (82) Ta' min ifakkar li, fl-investigazzjoni oriġinali, l-adozzjoni tal-miżuri tqieset li ma kinitx kontra l-interess tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-fatt li l-investigazzjoni preżenti hija reviżjoni, u għaldaqstant tanalizza sitwazzjoni fejn miżuri anti-dumping diġà kienu fis-seħħ, jippermetti l-istima ta' kwalunkwe impatt negattiv mhux xieraq fuq il-partijiet ikkonċernati mill-miżuri anti-dumping attwali.
- (83) Fuq din il-bażi, ġie eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabilità ta' tkompli jew rikorrenza ta' dumping li jkun ta' ħsara, kienx hemm raġunijiet konvinċenti li jwasslu għall-konklużjoni li, f'dan il-każ partikolari, mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri.

1. L-interess tal-industrija tal-Unjoni u ta' produtturi oħra tal-Unjoni

- (84) It-tkomplija tal-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat iżżid il-possibbiltà għall-industrija tal-Unjoni li tilħaq livell raġonevoli ta' profittabilità, billi tgħin sabiex ikun evitat li l-industrija tal-Unjoni tiġi mbuttata 'l barra mis-suq minħabba l-volumi sostanzjali ta' importazzjoni ta' prodotti li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ. Fil-fatt, hemm probabilità ċara li jkun hemm dumping li jkun ta' ħsara f'volumi sostanzjali li l-industrija tal-Unjoni ma tkunx tista' tirreżisti. Għaldaqstant, l-industrija tal-Unjoni sejra tkompli tibbenefika miż-żamma tal-miżuri anti-dumping attwali.
- (85) Għaldaqstant, il-konklużjoni hija li ż-żamma tal-miżuri anti-dumping kontra r-RPĊ b'mod ċar ikun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni u ta' produttori oħrajn tal-Unjoni.

2. L-interess ta' importaturi mhux relatati fl-Unjoni

- (86) Żewġ importaturi mhux relatati tal-Unjoni kkoperaw fl-investigazzjoni. It-tnejn opponew it-tkomplija tal-miżuri u indikaw li l-miżuri ma kinux effettivi, li l-prodotti Ċiniżi ma kinux komparabbli ma' prodotti simili prodotti mill-industrija tal-Unjoni minħabba d-differenzi fil-kwalità u esprimew dubji rigward il-kompetittività tal-industrija tal-'okoumé plywood' tal-Unjoni. Madankollu, l-ebda waħda minn dawn l-indikazzjonijiet ma ġiet issostanzjata. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe evidenza li tissuġġerixxi li l-miżuri anti-dumping attwalment fis-seħħ affettwaw b'mod konsiderevoli l-importaturi, ġie konkluż li t-tkomplija tal-miżuri mhijiex sejra taffettwa lill-importaturi tal-Unjoni sa xi punt sinifikanti.

3. L-interess tal-utenti fl-Unjoni

- (87) Tweġibiet tal-kwestjonarju waslu mingħand tliet utenti fl-Italja, il-Greċja u Franza rispettivament. Minħabba li l-ebda wiehied minnhom ma xtara l-prodott ikkonċernat mir-RPĊ u fin-nuqqas ta' aktar evidenza li tissuġġerixxi li l-miżuri anti-dumping fis-seħħ attwali affettwaw b'mod konsiderevoli lill-utenti, jista' jkun konkluż li ż-żamma tal-miżuri ma jkollhiex impatt negattiv sinifikanti fuq l-utenti fl-Unjoni.

4. Il-konklużjoni rigward l-interess tal-Unjoni

- (88) Għaldaqstant, jitqies li ma jeżistux raġunijiet konvinċenti ta' interess tal-Unjoni kontra ż-żamma tal-miżuri fis-seħħ.

I. MIŻURI KONTRA D-DUMPING

- (89) Il-partijiet kollha kienu informati bil-fatti u bil-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuqhom kien maħsub li jkun irrakkomandat li l-miżuri eżistenti jinżammu.

Il-Kumpanija	Rata tad-dazju %
Nantong Zongyi Plywood Co., Ltd	9,6
Zhejiang Deren Bamboo-Wood Technologies Co., Ltd	23,5
Zhonglin Enterprise (Dangshan) Co., Ltd	6,5

Jiaxing Jinlin Lumber Co., Ltd	17
Il-kumpaniji l-oħra kollha	66,7

- (90) Huma ngħataw ukoll perjodu ta' żmien li fih setgħu jagħmlu r-rappreżentazzjonijiet wara dan l-iżvelar. Is-sottomissjonijiet u l-kummenti kienu kkunsidrati bil-mod dovut fejn kien iġġustifikat.
- (91) Minn dak li ntqal hawn fuq jirriżulta li, skont kif previst bl-Artikolu 11(2) u l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, il-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjoni tal-‘okoumé plywood’ li joriġina fir-RPĊ għandhom jinżammu.
- (92) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f’dan ir-Regolament huma unikament applikabbli għall-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat prodott minn dawn il-kumpaniji u b’hekk mill-entitajiet ġuridiċi speċifiċi msemmija. L-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta’ dan ir-Regolament b’isimha u bl-indirizz tagħha, inklużi l-entitajiet relatati ma’ daww imsemmija speċifikament, ma tistax tibbenifika minn dawn ir-rati u għandha tkun soġġetta għar-rata tad-dazju applikabbli għall-‘kumpaniji l-oħrajn kollha’.
- (93) Kwalunkwe indikazzjoni li titlob l-applikazzjoni ta’ dawn ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali (pereżempju wara bidla fl-isem tal-entità jew wara t-twaqqif ta’ entitajiet ġodda tal-produzzjoni jew tal-bejgħ) għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni⁵ bla dewmien flimkien mal-informazzjoni kollha rilevanti, b’mod partikulari kwalunkwe bidla fl-attivitajiet tal-kumpanija marbuta mal-produzzjoni, il-bejgħ domestiku u għall-esportazzjoni assoċjata ma’, pereżempju, dik il-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entitajiet tal-produzzjoni jew il-bejgħ. Jekk ikun xieraq, ir-Regolament imbagħad sejjer jiġi emendat skont kif ikun meħtieġ billi tiġi aġġornata l-lista tal-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali.
- (94) Sabiex jitnaqqsu r-riskji ta’ ċirkonvenzjoni minħabba d-differenza għolja fir-rati tad-dazju, huwa meqjus li f’dan il-każ hemm bżonn ta’ miżuri speċjali biex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tad-dazji anti-dumping. Dawn il-miżuri speċjali jinkludu l-preżentazzjoni lill-awtoritajiet Doganali tal-Istati Membri ta’ fattura kummerċjali valida, li tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament. L-importazzjoni li ma tkunx akkumpanjata minn tali fattura għandha tkun soġġetta għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-‘kumpaniji l-oħrajn kollha’.
- (95) Jekk l-esportazzjoni minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati aktar baxxi tad-dazju individwali tiżdied b’mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista’ titqies bħala waħda li tikkostitwixxi fiha nnifisha bidla f’ix-xejra tal-kummerċ dovuta għall-impożizzjoni ta’ miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F’tali ċirkustanzi, u sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, jista’ jingħata bidu għal investigazzjoni kontra l-qerq. Din l-investigazzjoni tista’, inter alia, teżamina l-ħtieġa għat-tneħħija tar-rati tad-dazju individwali u għall-impożizzjoni bħala konsegwenza tad-dazju għall-pajjiż kollu,

⁵ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, Id-Direttorat H, NERV-105, B-1049 Brussell.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

- (1) Dazju definittiv anti-dumping huwa b'hekk impost fuq l-importazzjoni ta' 'okoumé plywood', iddefinit bħala magħmul biss minn folji tal-injam, b'kull folja ma taqbiżx il-ħxuna ta' 6 mm, b'mill-inqas waħda mill-folji ta' barra tal-okoumé mhux miksija b'saff permanenti ta' materjali oħra, attwalment klassifikabbli bil-kodiċi NM ex 4412 31 10 (kodiċi TARIC 4412 31 10 10) u li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.
- (2) Ir-rata tad-dazju anti-dumping applikabbli għall-prezz nett, ħieles fuq il-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, għall-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u mmanifatturati mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandha tkun kif ġej:

Il-manifattur	Rata tad-dazju %	Kodiċi addizzjonali TARIC
Nantong Zongyi Plywood Co., Ltd il-Belt ta' Xingdong, il-Belt ta' Tongzhou, il-Provinċja ta' Jiangsu, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	9,6	A526
Zhejiang Deren Bamboo-Wood Technologies Co., Ltd iż-Żona ta' Żvilupp Ekonomiku Linhai, Zhejiang, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	23,5	A527
Zhonglin Enterprise (Dangshan) Co., Ltd Xue Lou Miao Pu, il-Kontea ta' Dangshan, il-Provinċja ta' Anhui 235323, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	6,5	A528
Jiaxing Jinlin Lumber Co., Ltd fit-Tramuntana tal-Belt ta' Ganyao, Jiashan, il-Provinċja ta' Zhejiang ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	17	A529
Il-kumpaniji l-oħra kollha	66,7	A999

- (3) L-applikazzjoni tar-rati individwali tad-dazju speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha sseħħ bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li trid tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness. Jekk ma tiġix ippreżentata tali fattura, għandha tapplika r-rata tad-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħra kollha.
- (4) Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ rigward id-dazji tad-dwana.

Artikolu 2

Ir-reviżjoni parzjali interim skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 hija b'hekk terminata.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

Dikjarazzjoni ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ il-fattura kummerċjali, fil-format li ġej, trid tidher fuq il-fattura kummerċjali valida msemmija fl-Artikolu 1(3):

- (1) L-isem u l-funzjoni tal-uffiċjal tal-entità li qed joħroġ il-fattura kummerċjali.
- (2) Id-dikjarazzjoni li ġejja: “Jiena, hawn taħt iffirmit, niċċertifika li (il-volum) ta’ [il-prodott ikkonċernat] mibjugħ għall-esportazzjoni fl-Unjoni Ewropea u kopert b’din il-fattura kien immanifatturat minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (il-kodiċi addizzjonali TARIC) fi (il-pajjiż ikkonċernat). Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f’din il-fattura hija sħiħa u korretta.”

Id-data u l-firma